

**Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2014, dwar Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ għall-2014-2015**

(2014/C 183/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI,

I. INTRODUZZJONI

1. JIRRIKONOXXU li, mill-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni dwar Qafas Imġedded għall-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-Żgħażaġħ 2010-2018, il-kriżippreżentat sfidiġodda għall-politika dwar iż-żgħażaġh u li hemm il-ħtieġa għal kooperazzjoni msaħħa fil-qasam taż-żgħażaġh fil-livell tal-UE biex dawn l-isfidi jiġu trattati b'mod adegwat.
2. IFAKKRU li r-Rapport Konġunt tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ 2012 appella għal rabtiet aktar b'saħħithom u aktar koeżjoni bejn il-Qafas Imġedded għall-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-Żgħażaġħ 2010-2018 u l-Istrateġija Ewropa 2020.
3. IFAKKRU l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2013 dwar il-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-politika għaż-żgħażaġh fl-indirizzar tal-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020<sup>(1)</sup>, fejn il-Kunsill qabel li jiżviluppa, fi ħdan il-qafas tal-Qafas Imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-Żgħażaġħ 2010-2018, pjan ta' ħidma għal perijodu medju biex tiġi ggwidata l-politika għaż-żgħażaġh u l-ħidma ta' politika relatati maż-żgħażaġh b'reazzjoni għat-temi u x-xejriet attwali dwar iż-żgħażaġh u dawk relatati magħhom u li jissottolinjaw oqsma rilevanti għall-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni mal-politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u tal-impjiegi bil-ħsieb li jiġi żgurat il-kontribut tal-politika għaż-żgħażaġh fis-Semestru Ewropew.
4. Konsegwentement JAQBLU li jistabilixxu Pjan ta' Ħidma ta' tmintax-il xahar għaż-Żgħażaġħ għal azzjoni mill-Istati Membri u l-Kummissjoni għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2015, bħala fażi pilota u bħala kontribut għall-implimentazzjoni tal-Qafas Imġedded għall-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018).

II. PRINĊIPJI

5. IQISU li l-Pjan ta' Ħidma għandu jkun irregolat mill-prinċipji gwida li ġejjin:

- l-għoti ta' impetu u prominenza kif adatt lill-ħidma fil-livell tal-UE fil-qasam taż-żgħażaġh,
- l-iżgurar, permezz ta' kooperazzjoni transettorjali, li l-oqsma ta' politika tal-UE (eż. l-impjiegi, l-edukazzjoni, l-affarijiet soċjali, is-saħħa) ikunu konxji tal-kwistjonijiet speċifiċi li jiffaċċjaw iż-żgħażaġh,
- il-kontribut lill-prijoritajiet globali tal-aġenda ekonomika u tal-politika soċjali tal-UE, b'mod partikolari l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni tagħha,
- il-ħidma lejn politika għaż-żgħażaġh ibbażata fuq l-għarfien u l-evidenza,
- iż-żamma ta' qafas flessibbli li huwa kapaċi jirreaġixxi meta jkun adatt għall-iżviluppi li jkunu għaddejjin,
- il-promozzjoni ta' approċċ kooperattiv u miftiehem bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jinkiseb valur miżjud rigward it-temi ta' prijorità stipulati fil-paragrafu 6 hawn taħt,

<sup>(1)</sup> ĠU C 224, 3.8.2013, p. 2.

- l-inkorporazzjoni tal-istrutturi informali eżistenti, fejn adatt, fl-istrutturi stabbiliti f'dan il-Pjan ta' Ħidma,
  - l-użu sħiħ tal-proċeduri konsultattivi stabbiliti mid-Djalogu Strutturati biex jiġi żgurat li l-Pjan ta' Ħidma jindirizza l-kwistjonijiet li huma rilevanti għaż-żgħażaġh.
6. JAQBLU li, fid-dawl tal-kriżi attwali, it-temi li ġejjin għandhom jingħataw prijorità mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-kooperazzjoni tagħhom fil-livell tal-UE għall-perijodu kopert mill-pjan ta' ħidma attwali sa tmiem l-2015:
- L-iżvilupp ta' ħidma għaż-żgħażaġh u tagħlim mhux formali u informali u l-kontribut tiegħu biex jiġu indirizzati l-effetti tal-kriżi fuq iż-żgħażaġh,
  - It-tisħiħ ta' kooperazzjoni transettorjali fil-qafas tal-istrateġiji tal-UE,
  - L-għoti tas-setgħa, b'attenzjoni speċjali fuq l-aċċess għal drittijiet, awtonomija, parteċipazzjoni u ċittadinanza attiva fl-UE u barra mill-UE.
- Jaqblu li l-pjan ta' ħidma jista' jiġi rivedut mill-Kunsill fid-dawl tar-riżultati miksuba u l-iżviluppi tal-politika fil-livell tal-UE.
7. JAQBLU dwar lista ta' azzjonijiet speċifiċi konformi ma' dawn it-temi ta' prijorità u skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom, kif imsemmi fl-Anness I.

### III. METODI U STRUTTURI TA' ĦIDMA

#### 8. JIRRIKONOXXU li:

- Hemm hteġa li jiġu rinfurzati l-integrazzjoni taż-żgħażaġh u l-kooperazzjoni transettorjali fi ħdan il-Kunsill sabiex jiġi garantit li t-tfassil tal-politika jieħu kont tal-kondizzjonijiet u l-ħtiġijiet taż-żgħażaġh.
9. JAQBLU li
- Dan il-Pjan ta' Ħidma ser ikun appoġġat minn metodi ta' ħidma maqbula fil-qafas imġedded għal Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh kif ukoll numru limitat ta' gruppi esperti informali u qafas flessibbli ta' attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari,
  - Il-gruppi ta' esperti ser jintalbu jiffokaw il-ħidma tagħhom fuq it-temi ta' prijorità indikati fit-Taqsima II, il-paragrafu 6 u fuq azzjonijiet u dati previsti elenkati fl-Anness I. L-azzjonijiet fl-Anness I jistgħu jiġu riveduti mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill fid-dawl tar-riżultati miksuba u l-iżviluppi ta' politika fil-livell tal-UE,
  - Il-prinċipji relatati mas-sħubija u l-funzjonament tal-gruppi ta' esperti jinsabu fl-Anness II,
  - Fir-rigward tad-dritt taż-żgħażaġh li jipparteċipaw fl-iżvilupp ta' politiki li jaffettwawhom, id-djalogu strutturat ser ikun mezz li permezz tiegħu iż-żgħażaġh jiġu impenjati f'riflessjoni konġunta dwar it-temi ta' prijorità ta' dan il-Pjan ta' Ħidma,
  - Il-laqgħat informali tad-Diretturi Ġenerali għaż-Żgħażaġħ għandhom jeżaminaw il-kwistjonijiet strateġiċi li jirriżultaw b'rabta ma' dan il-Pjan ta' Ħidma, kif ukoll ma' dawk relatati b'mod aktar ġenerali mal-politika tal-UE rigward iż-żgħażaġh,
  - Fit-tieni nofs tal-2015, l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma attwali ser tiġi evalwata mill-Kunsill abbażi ta' valutazzjoni tal-implimentazzjoni tiegħu pprovduta fil-kuntest tal-ħarsa ġenerali lejn is-settur taż-żgħażaġh li tinsab fir-Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ imħejji mill-Kummissjoni sa Lulju 2015.

#### 10. FID-DAWL TA' DAN TA' HAWN FUQ, JISTIEDNU

lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jistabilixxu jew jorganizzaw gruppi ta' esperti dwar is-suġġetti li ġejjin għat-tul tal-Pjan ta' Ħidma attwali:

- Is-sistemi ta' kwalità tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fl-Istati Membri u r-rwol ta' indikaturi jew oqfsa komuni,

- Id-definizzjoni tal-kontribut speċifiku tax-xogħol taż-żgħażaġh u t-tagħlim mhux formali u informali sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jiffaċċjaw iż-żgħażaġh, b'mod partikolari it-transizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjeg,
- L-attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari fost l-Istati Membri u l-Kummissjoni bil-għan li jiġu identifikati l-aħjar Prattiki u rakkomandazzjonijiet għal tfassil ta' politika transettorjali dwar iż-żgħażaġh fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali.

#### IV. AZZJONIJIET

##### 11. JISTIENNU LILL-ISTATI MEMBRI SABIEX:

- jaħdmu flimkien bl-appoġġ tal-Kummissjoni u filwaqt li jużaw metodi ta' ħidma tal-Qafas Imġedded speċifikat b'din ir-Riżoluzzjoni,
- b'segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-massimizzazzjoni tar-rwol tal-politika għaż-żgħażaġh fl-indirizzar tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020", ikomplu jippromwovu l-involvement attiv ta' perspettivi marbutin maż-żgħażaġh fit-tfassil ta' politika nazzjonali relatata mal-Istrateġija Ewropa 2020 u s-Semestru Ewropew,
- filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju ta' sussidjarjetà jikkunsidraw li jieħdu kont debitu tal-Qafas Imġedded għall-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-Żgħażaġħ 2010-2018 u ta' dan il-Pjan ta' Ħidma meta jiżviluppaw il-politika fil-livell nazzjonali u f'dak reġjonali,
- jgħarrfu liż-żgħażaġh u lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, fejn adatt, dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE, sabiex jiġu żgurati r-rilevanza u l-viżibilità tal-attivitajiet.

##### 12. JISTIENNU LILL-PRESIDENZI TAL-KUNSILL SABIEX:

- jieħdu kont, fil-kuntest tat-Triju tal-Presidenzi, tat-temi ta' prijorità tal-Pjan tal-Ħidma tal-UE fl-iżvilupp tal-programm tagħhom,
- fl-aħħar tat-tmintax-il xahar koperti mir-Riżoluzzjoni attwali, u abbażi ta' valutazzjoni li għandha tiġi integrata fir-Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ imħejji mill-Kummissjoni abbażi ta' kontributi volontarji mill-Istati Membri, jikkunsidraw jekk jipproponux Pjan ta' Ħidma ġdid għall-perijodu li jkun imiss,
- jipproponu lid-Diretturi Ġenerali għaż-Żgħażaġħ fil-laqgħat informali tagħhom biex jiddiskutu u jsegwu r-riżultati miksuba fil-Pjan ta' Ħidma, biex jorganizzaw laqgħat transettorjali konġunti u straordinarji tad-Diretturi Ġenerali, fejn adatt, u jxerrdu r-riżultati b'mod wiesa'.

##### 13. JISTIENNU LILL-KUMMISSJONI SABIEX:

- tappoġġa u taħdem mal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Ħidma, b'mod partikolari l-azzjonijiet deskritti fl-Anness,
- tgħarraf lill-Istati Membri dwar inizzjattivi li għaddejjin jew ippjanati fil-politika rigward iż-żgħażaġh u f'oqsma ta' politika rilevanti oħra tal-UE li jħallu impatt fuq iż-żgħażaġh u żviluppi rispettivi fil-Kummissjoni,
- teżamina mezzi biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni l-aktar wiesgħa possibbli tal-Istati Membri fil-laqgħat tal-gruppi ta' esperti,
- tinkludi, sa Lulju 2015 fil-proposta għar-Rapport tal-UE dwar iż-żgħażaġh u abbażi ta' kontributi volontarji mill-Istati Membri, valutazzjoni dwar l-implimentazzjoni u r-rilevanza tal-Pjan ta' Ħidma. Dan ir-rapport ser ikun il-bażi għat-tħejija ta' kwalunkwe Pjan ta' Ħidma sussegwenti tal-Kunsill matul it-tieni nofs tal-2015,
- tfittex li tiżgura koerenza bejn dan il-pjan ta' ħidma u l-pjan ta' ħidma tal-Ftehim ta' Sħubija mal-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam taż-żgħażaġh,
- tipproponi qafas flessibbli għal attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari fost l-Istati Membri.

14. JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, B'RISPETT DOVUT GĦALL-PRINĊIPJU TA' SUSSIDJARJETA', SABIEX:

- ikomplu jikkooperaw mill-qrib fil-livell tal-esperti f'konformità mal-Annessi I u II ta' din ir-Risoluzzjoni,
  - iħeġġu lil setturi oħra biex jieħdu kont tad-dimensjoni taż-żghażaġh meta jifformulaw, jimplementaw u jevalwaw politiki u azzjonijiet foqsmi oħrajn ta' politika, b'attenzjoni partikolari biex jiżguraw inklużjoni bikrija u effettiva fil-proċess ta' żvilupp tal-politika,
  - jippromwovu rikonoxximent aħjar tal-kontribut tal-politika rigward iż-żghażaġh lill-għanijiet ġenerali tal-Istrateġija Ewropa 2020 meta jitqies il-potenzjal qawwi tas-settur li jikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u impjiegi ġodda u meta jitqiesu l-effetti pożittivi tiegħu fuq l-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll is-saħħa u l-benesseri.
-

## ANNEX I

## Azzjonijiet ibbażati fuq temi ta' prijorità

Azzjoni	Metodu ta' ħidma / Strument	Riżultat u data prevista
L-iżvilupp ta' ħidma għaż-żgħażaġh u tagħlim mhux formali u informali u l-kontribut tiegħu biex jiġu indirizzati l-effetti tal-kriżi fuq iż-żgħażaġh		
L-iżvilupp tal-Ħidma għaż-żgħażaġh fl-Ewropa	<p><i>Tfassil tal-Politika Bbażat fuq l-Evidenzad:</i></p> <p>Studju dwar "Ħidma maż-żgħażaġh: il-valur tal-ħidma għaż-żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea"</p> <p><i>Grupp ta' Esperti</i> dwar sistemi ta' kwalità tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fl-Istati Membri tal-UE u r-rwol ta' indikaturi jew oqfsa komuni</p>	<p><i>It-tieni nofs tal-2015:</i> (poss.) Skambju ta' fehmiet fil-Kunsill u konsiderazzjoni tal-passi li jmiss b'segwitu għall-eżitu tal-iskambju ta' fehmiet</p> <p><i>L-ewwel nofs tal-2015:</i> Grupp ta' esperti jħejji sett ta' indikaturi jew oqfsa li jiddeskrivu l-kwalità fis-sistema tal-Ħidma għaż-żgħażaġh.</p> <p><i>It-tieni nofs tal-2015</i> (Poss.) Konklużjonijiet tal-Kunsill</p>
Il-promozzjoni tal-kontribut tal-politika rigward iż-żgħażaġh fl-indirizzar tal-isfidi fl-Ewropa	<p><i>Grupp ta' Esperti</i> dwar id-definizzjoni tal-kontribut speċifiku tal-ħidma għaż-żgħażaġh biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jiffaċċjaw iż-żgħażaġh b'mod partikolari fit-transizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieg.</p> <p><i>Tfassil tal-Politika Bbażat fuq l-Evidenza:</i> Ċentru Ewropew tal-Għarfien dwar il-Politika taż-żgħażaġh (EKCYF)</p>	<p><i>L-ewwel nofs tal-2015:</i> (poss.) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kif il-politika dwar iż-żgħażaġh u l-kooperazzjoni transettorjali jistgħu jindirizzaw l-isfidi prinċipali tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward taż-żgħażaġh.</p> <p><i>L-ewwel nofs tal-2015:</i> Rapport dwar l-aħjar Prattiki ta' kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni formali u mhux formali inkluż rakkomandazzjonijiet ta' politika</p>
Kooperazzjoni transettorjali msaħħa fil-qafas tal-istrateġiji tal-UE		
Tisħiħ tat-tfassil tal-politika transettorjali rigward iż-żgħażaġh fil-livell tal-UE	Il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu (Grupp ta' Ħidma dwar iż-żgħażaġh)	<i>L-ewwel nofs tal-2015:</i> Rakkomandazzjoni possibbli dwar il-kontribut tas-settur taż-żgħażaġh għall-passi importanti ffukati fuq il-politika tas-Semestru Ewropew.
Tisħiħ tat-tfassil tal-politika transettorjali dwar iż-żgħażaġh fil-livell nazzjonali	<i>Eżerċizzju ta' tagħlim bejn il-pari</i> fost l-Istati Membri	<i>It-tieni nofs tal-2015:</i> Rapport intermedju dwar l-aħjar Prattiki u rakkomandazzjonijiet għal tfassil ta' politika transettorjali dwar iż-żgħażaġh fil-livell nazzjonali.

Azzjoni	Metodu ta' ħidma / Strument	Riżultat u data prevista
L-għoti tas-setgħa, b'attenzjoni speċjali fuq l-aċċess għal drittijiet, awtonomija, parteċipazzjoni u ċittadinanza attiva fl-UE u barra mill-UE		
L-għoti tas-setgħa liż-żgħażaġh b'attenzjoni speċjali fuq l-aċċess għal drittijiet sabiex titrawwem l-awtonomija u l-parteċi-pazzjoni fil-ħajja soċjali	Djalogu Strutturatur maż-żgħażaġh	<i>It-tieni nofs tal-2014</i> (poss.) Konklużjoni-jiet tal-Kunsill dwar l-aċċess taż-żgħażaġh għal drittijiet sabiex jitrawmu l-awtonomija u l-parteċi-pazzjoni fil-ħajja soċjali.
L-għoti tas-setgħa għal parteċipazzjoni politika taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa	Riżultati tad-djalogu strutturatur maż-żgħażaġh <i>Tfassil tal-Politika Bbażat fuq l-Evidenza:</i> — London School of Economics and Political Science: Parteċipazzjoni taż-Żgħażaġħ fil-Ħajja Demokratika — Ewrobarometru Flash 375 — Żgħażaġħ Ewropej: Parteċipazzjoni fil-Ħajja Demokratika — EACEA — Il-Parteċipazzjoni Politika u ċ-Ċittadinanza tal-UE: Perċezzjoni-jiet u Mġiba taż-Żgħażaġħ	<i>It-tieni nofs tal-2015:</i> (poss.) Konklużjoni-jiet tal-Kunsill

## ANNEX II

**Prinċipji relatati mas-sħubija u l-funzjonament ta' gruppi ta' esperti stabbiliti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-qafas tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ (1 ta' Lulju 2014–31 ta' Diċembru 2015)**

**Sħubija:**

- Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-ħidma tal-gruppi hija volontarja u l-Istati Membri jistgħu jissiehu fihom meta jridu,
- L-Istati Membri interessati li jipparteċipaw fil-ħidma tal-gruppi ser jinnominaw esperti bħala membri tal-gruppi rispettivi. L-Istati Membri ser jiżguraw li l-esperti nnominati jkollhom esperjenza rilevanti fil-qasam rilevanti fil-livell nazzjonali u ser jiżguraw komunikazzjoni effettiva mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-Kummissjoni ser tikkoordina l-eżerċizzju tan-nomina,
- Kull grupp ta' esperti jista' jiddeċiedi li jistieden parteċipanti oħrajn: esperti indipendenti, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet interessati oħrajn, flimkien ma' rappreżentanti ta' pajjiżi terzi Ewropej.

**Proċeduri ta' ħidma**

- Il-gruppi ta' esperti ser jikkonċentraw fuq il-kisba ta' numru żgħir ta' riżultati konkreti u utli dwar is-suġġett mitlub,
- Sabiex jiġi implimentat dan il-Pjan ta' Ħidma, kull grupp ta' esperti ser ikun responsabbli li jaħtar il-president jew il-kopresidenti tiegħu fl-ewwel laqgħa tal-grupp ta' esperti wara l-adozzjoni tal-Pjan ta' Ħidma. Kull grupp ta' esperti ser iħejji skeda ta' ħidma konformi ma' dan il-Pjan ta' Ħidma,
- L-Istati Membri ser jingħataw opportunità biex jiggwidaw lill-gruppi ta' esperti sabiex jiggarrantixxu l-eżitu u l-iskeda ta' żmien mixtieqa, kif ukoll il-koordinazzjoni tal-ħidma tal-gruppi,
- Il-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, ser jiddeċiedu jekk huwiex adatt li jiġu proposti azzjonijiet ġodda għall-gruppi ta' esperti,
- Il-Kummissjoni ser tipprovi opinjoni esperta, kif ukoll appoġġ loġistiku u segretarjali għall-ħidma tal-gruppi. Sa fejn huwa possibbli, hija ser tappoġġa lill-gruppi b'mezzi oħrajn adatti (inklużi studji rilevanti għall-qasam ta' ħidma tagħhom),
- Bħala regola prinċipali l-gruppi ta' esperti ser jiltaqgħu fi Brussell, iżda jistgħu jorganizzaw laqgħat barra Brussell meta jkunu mistiedna minn Stat Membru,
- Bħala regola l-gruppi ta' esperti ser jiltaqgħu darbtejn f'sena, iżda jistgħu jadottaw skeda ta' żmien differenti jekk ikun meħtieġ.

**Rappurtar u informazzjoni**

- Il-presidenti tal-gruppi ta' esperti ser jirrappurtaw lill-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żgħażaġħ fir-rigward tal-progress tal-ħidma fil-gruppi ta' esperti rispettivi u jippreżentaw rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet futuri possibbli lill-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żgħażaġħ,
- L-aġendi tal-laqgħat u r-rapporti tal-laqgħat tal-gruppi kollha ser ikunu disponibbli lill-Istati Membri kollha, irrappreżentant mil-livell ta' parteċipazzjoni tagħhom f'qasam partikolari. Ir-rapporti tal-gruppi ser jiġu ppubblikati,
- Ir-rapporti mill-gruppi ta' esperti ser jintużaw fil-valutazzjoni mħejjija mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma.